

Brussell, 13 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16156/23

LIMITE

COMPET 1195
IND 639
POLCOM 300
RELEX 1409
COAFR 424

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tar-Rwanda dwar sħubija strateġika dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima - <i>Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti</i>

1. Fl-14 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) dwar l-intenzjoni tagħha li tidħol f'diskussjonijiet biex tfassal Memorandum ta' Qbil f'isem l-Unjoni biex tiġi stabbilita sħubija dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima mar-Rwanda¹.

Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni aġġornata fid-dawl tal-aħħar żviluppi f'dan il-pajjiż u elementi ġodda li l-Kummissjoni qieset utli li żżid biex tinforma lill-Istati Membri dwar in-natura tas-sħubija², flimkien ma' informazzjoni addizzjonali dwar it-traċċabbiltà tal-minerali³.

¹ WK 3584/2023.

² WK 7882/2023.

³ WK 7896/2023.

2. Is-sħubija, bħala strument mhux vinkolanti, għandha l-għan li tappoġġa integrazzjoni ekonomika u industrijali aktar mill-qrib tal-UE mar-Rwanda fil-qasam tal-materja prima sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-immappjar tar-riżorsi, l-identifikazzjoni ta' proġetti tul il-katina tal-valur, it-tnaqqis tar-riskji u l-attrazzjoni tal-investment privat permezz ta' strumenti finanzjarji u dawk ta' investment. Għandha wkoll l-għan li tappoġġa allinjament aħjar dwar standards ambjentali, soċjali u ta' governanza għoljin tul il-ktajjen tal-valur tal-materja prima, inkluż permezz ta' qafas legali armonizzat u sistema b'saħħitha ta' traċċabbiltà, biex jiġu sostnuti tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' valur miżjud fil-livell lokali u l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku. Barra minn hekk, għandha l-għan li tappoġġa kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni inkluż l-esplorazzjoni avvanzata, l-osservazzjoni tad-dinja, u teknoloġiji nodfa u innovattivi tul il-katina tal-provvista, kif ukoll kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar il-ħiliet u t-tiħiħ tal-kapaċitajiet meħtieġa għal ktajjen tal-provvista sostenibbli tal-materja prima. Hija timmira wkoll li tappoġġa l-promozzjoni ta' suq miftuħ, ġust u kompetittiv għall-materja prima u pproċessata kritika abbażi ta' djalogu trasparenti u regolari li jiżgura l-funzjonament tajjeb u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-materja prima.
3. Fl-10 ta' Lulju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, f'isem l-Unjoni, il-Memorandum ta' Qbil biex tiġi stabbilita sħubija dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima mar-Rwanda⁴.
4. Fil-21 ta' Novembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) irċieva nota ta' informazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Memorandum ta' Qbil li għandu jiġi ffirmat, f'isem l-Unjoni Ewropea, mar-Repubblika tar-Rwanda, li jistabbilixxi sħubija strateġika dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima, bl-abbozz tat-test tal-Memorandum ta' Qbil f'dokument mehmuż⁵. Fil-11 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni pprovdiet verżjoni riveduta tan-nota ta' informazzjoni⁶.

⁴ 10304/23.

⁵ WK 15491/2023 + ADD 1.

⁶ WK 15491/2023 REV 1.

5. Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tar-Rwanda dwar sħubija strateġika dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima, li jinsab fid-dokument 16160/23, ikun jikkostitwixxi strument mhux vinkolanti. Il-Memorandum ta' Qbil jippreżenta l-intenzjonijiet taż-żewġ sħab. Huwa ma jorbotx legalment lis-sħab.
6. Il-Kummissjoni qed tippjana li tiffirma l-Memorandum ta' Qbil f'isem l-Unjoni, wara li tkun irċeviet l-approvazzjoni tal-Kunsill, wara l-21 ta' Diċembru 2023.
7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina l-abbozz ta' Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tar-Rwanda dwar sħubija strateġika dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Novembru 2023 u waqt vidjokonferenza informali fil-11 ta' Diċembru 2023. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu l-Memorandum ta' Qbil, b'mod partikolari l-enfasi fuq it-traċċabbiltà u l-involvement tar-Rwanda fl-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi, u indikaw appoġġ ġenerali għall-proposta tal-Kummissjoni li tiffirmah f'isem l-Unjoni wara l-21 ta' Diċembru 2023.
8. Wara l-eżami mill-Grupp ta' Ħidma, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal Memorandum ta' Qbil kif jinsab fid-dokument 16160/23;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma, f'isem l-Unjoni, il-Memorandum ta' Qbil, kif jinsab fid-dokument 16160/23, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss tal-Kunsill.